MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 873/2006

**Chantelle Galea I.D. No: 172588(M)**

**Vs**

**Clifton Buttigieg I.D. No: 484284(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn tliet mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ekwivalenti ghal elf Liri Maltin (Lm1000), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 19 ta' Ottubru 2006 li biha l-konvenut eccepixxa illi: (1) fl-ewwel lok it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici in kwantu l-iskrittura msemmija mill-attrici fl-avviz taghha la qatt inkitbet u wisq inqas qatt ma giet iffirmata mill-

konvenut, izda hija totalment falza u/jew fabbrikata mill-attrici u/jew minn terzi u dank if l-attrici taf jew imissha taf tajjeb; (2) illi fit-tieni lok l-konvenut ma ghandu ebda somma x'jaghti lill-attrici kif imsemmi minnha fl-Avviz de quo; (3) illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess, il-konvenut qieghed jirrizerva d-drittijiet u l-posizzjoni tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attrici; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti, inkluz ir-rapport tal-espert kaligrafu Martin Bajada;

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-konvenut datata 16 ta' April 2008, li permezz taghha l-konvenut irtira l-eccezzjonijiet tieghu u ammetta t-talbiet attrici;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal- attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra n-nota tal-konvenut tas-16 ta' April 2008 li permezz taghha irtira l-eccezzjonijiet u ammetta t-talba attrici, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici elfejn tliet mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ekwivalenti ghal elf Liri Maltin (Lm1000), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------